

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness II sa IV mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2068)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/214/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tagħha,

Billi:

iqisu l-progress xjentifiku li jsir fit-tekniki dijanjostiċi għall-Mycoplasma b'konformità mal-Kapitolu 2.3.5 tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u l-bidliet għann-nomenklatura tas-Salmonella skont iċ-Ċentru ta' Kollaborazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għar-Referenza u r-Riċerka tas-serovars tas-Salmonella tal-2007 u b'konformità mal-Kapitolu 2.3.11 tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-Annimali.

(4) L-Anness III mad-Direttiva 2009/158/KE jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-vaċċinazzjoni tat-tjur. Huwa għandu jiġi emendat sabiex jinkludi kondizzjonijiet spċifici għall-vaċċinazzjoni kontra s-Salmonella.

(5) Huwa neċċessarju wkoll li jiġu emendati ċerti referenzi relatati mal-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur fil-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji stabbiliti fl-Anness IV mad-Direttiva 2009/158/KE.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotici oħra spċifici li jkun hemm ġewwa l-ikel⁽²⁾ jistipula regoli li jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għas-sejbien u l-kontroll tas-salmonella u aġenti zoonotici oħra. Huwa jistipula li l-qatħaq jew il-merħliet ta' oriġini ta' ċerti spċċi elenkti fl-Anness I ma' dak ir-Regolament iridu jiġu t-testjati għal ċerti żoonożi spċifikati u aġenti zoonotici qabel ma jintbagħtu kwalunkwe annimali ħajjin jew bajd għat-tfaqqis min-negozju tal-ikel tal-oriġini. Id-data u r-riżultati tat-test għandhom ikunu inklużi fis-ċertifikati veterinarji rilevanti, stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2009/158/KE.

(7) L-Anness IV mad-Direttiva 2009/158/KE jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati veterinarji għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis.

(3) Barra minn hekk, il-Kapitoli III u IV tal-Anness II mad-Direttiva 2009/158/KE għandhom jiġi emendati biex

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

⁽²⁾ ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.

- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-Salmonella Enteritidis u s-Salmonella Typhimurium fid-dundjani (⁽¹⁾) jistipula li r-rekwiżiċċi ta' ttestjar jaapplikaw ukoll għall-qatħat tad-dundjani mill-1 ta' Jannar 2010 u c-certiifikati veterinarji rispettivi stabbiliti fl-Anness IV mad-Direttiva 2009/158/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (9) L-Annessi II, III u IV mad-Direttiva 2009/158/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Sahħha tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II, III, u IV mad-Direttiva 2009/158/KE huma emendati skont l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3.

ANNESS

L-Annessi II, III u IV mad-Direttiva 2009/158/KE huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(i) Fit-Taqsima A, il-punt 2(e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) Il-bajd iridu:

(i) jinġabru f'intervalli frekwenti, tal-inqas kuljum u kemm jista' jkun malajr wara li jkunu ntbiedu

(ii) jitnaddfu u jiġu diżinfettati kemm jista' jkun malajr, sakemm id-diżinfettazzjoni ma ssirx f'mafqas fl-istess Stat Membru;

(iii) jitqiegħdu fmaterjal ta' mballaġġ għidid jew nadif u diżinfettat."

(ii) Fit-Taqsima B, fil-punt 2(e), l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— bajd, bejn xħin jaslu fil-mafqas u l-proċess ta' inkubazzjoni jew xħin jintbagħtu għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni jew jiġu esportati lejn pajiż terz, sakemm ma jkunux ġew diżinfettati preċedentement fl-istabbi-liment tat-trobbija tal-oriġini,"

(b) Il-Kapitoli III u IV jinbidlu b'dan li ġej:

"KAPITOLU III

PROGRAMM TA' SORVELJANZA TAL-MARD

Bla ħsara għall-miżuri tas-saħħa u għall-Artikoli 16 u 17, programmi ta' sorveljanza tal-mard iridu, bħala minimu, ikunu jinkludu sorveljanza tal-infezzjonijiet u l-ispeċi elenkti fit-Taqsimiet A sa D.

A. Infezzjonijiet ta' *Salmonella Pullorum* (i), *Salmonella Gallinarum* (ii) u *Salmonella arizonae* (iii)

1. L-ispeċi kkonċernata:

(a) *Salmonella Pullorum* u *Salmonella Gallinarum*: pollam, dundjani, fargħuni, summien, faġani, perniċi u papri;

(b) *Salmonella arizonae*: dundjani.

2. Programm ta' sorveljanza tal-mard

(a) Għandhom jintużaw testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm infezzjoni (*).

(b) Il-kampjuni għall-ittestjar iridu jittieħdu, kif xieraq, mid-demm, mill-embrijuni li ma jfaqqus (jiġifieri embrijuni li mietu fil-bajda), flieles tat-tieni grad, mekonju, tessut post mortem, speċjalment il-fwied, il-milsa, l-ovarju/ovidott u l-uhil ileo-caecal (**).

(c) Irid jintuża arrikkiment dirett fi brodu tas-Selenit-ċisteina għal kampjuni intestinali u tal-feċi/mekonju. Prearrikkiment mhux selettiv segwit minn arrikkiment selettiv fi brodu ta' Rappaport-Vassiliadis (RVS) ibbażat fuq is-sojja jew brodu Müller-Kauffmann Tetratijonat-novobijoċin (MKTTn) jista' jintuża għall-kampjuni (bħall-embrijuni li mietu fil-bajda) fejn il-kompetizzjoni mill-flora hija mistennija li tkun minima (**), (****).

(d) Meta jittieħdu l-kampjuni tad-demm minn qatħha għall-ittestjar seroloġiku għal *Salmonella Pullorum* u *Salmonella Gallinarum* jew *Salmonella arizonae*, għandu jingħata każ tal-prevalenza tal-infezzjoni fl-Istat Membru kkonċernat u l-inċidenza tagħha fl-imghoddxi fl-istabbi-liment sabiex ikun stabbilit l-għadd ta' kampjuni li jkunu jridu jittieħdu. Madankollu, irid jittieħed dejjem għadd validu statistikament ta' kampjuni għal ittestjar seroloġiku u/jew batterjoloġiku biex tinstab infezzjoni.

- (e) Il-qatħaq iridu jiġu spezzjonati matul kull perjodu ta' meta jbidu fl-aħjar żmien meta tkun tista' tinstab il-marda kkonċernata.
- (f) Kampjuni għall-ittestjar batterjoloġiku ma jridux jittieħdu minn tjur jew bajd li kienu ttrattati bi prodotti mediciċinali antimikrobiali matul il-ġimaginej jew tlieta ta' qabel l-ittestjar.
- (g) It-tekniki għas-sejbien iridu jkunu kapaċi jiddifferenzjaw ir-reazzjonijiet seroloġiċi għall-infezzjonijiet tas-Salmonella Pullorum u s-Salmonella Gallinarum mir-reazzjonijiet seroloġiċi minħabba l-użu tal-vaċċin għas-Salmonella Enteritidis, fejn jintuża l-vaċċin (****). Għalhekk din il-vaċċinazzjoni ma għandhiex tintuża jekk ikun se jintuża dan il-monitoraġġ seroloġiku. Jekk il-vaċċinazzjoni tkun intużat, irid jintuża t-testjar batterjoloġiku, imma l-metodu ta' konferma użat irid ikun kapaċi jiddifferenza bejn razex vaċċinali ħajjin u razez selvatiċi.

(*) Innata li l-ittestjar seroloġiku fl-ispeċi avjarji ħlief il-pollam jista' jirriżulta f'proporzjon inaċċettabbli ta' reazzjonijiet ta' pożitiv falz.

(**) Innata li l-kampjuni ambjentali ġeneralment ma jkunux adatti għal sejbien affidabbli ta' Salmonella Pullorum u Salmonella Gallinarum.

(***) Innata li l-iżolament dirett ta' tessuti miġbura asettikament fuq agar minimament selettiv, bħall-agar MacConkey, huwa utli wkoll għad-dijanjożi.

(****) Salmonella Pullorum u Salmonella Gallinarum ma jikbrux faċilment fil-meżż Rappaport Vassiliadis semisolidu mmodifikat (MRSV) li jintuża għall-monitoraġġ ta' Salmonella spp. zoonotika fl-Unjoni.

(*****) Innata li bħalissa ma hemm l-ebda test li jista' jiddifferenza bejn ir-reazzjoni għal infezzjoni tas-Salmonella Pullorum u tas-Salmonella Gallinarum u għal vaċċinazzjoni ta' dan is-serotip.

B. Infezzjonijiet *Mycoplasma gallisepticum* u *Mycoplasma meleagridis*

1. L-ispeċi kkonċernata:

- (a) *Mycoplasma gallisepticum*: pollam u dundjani.

- (b) *Mycoplasma meleagridis*: dundjani.

2. Programm ta' sorveljanza tal-mard

- (a) Il-preżenza tal-infezzjoni trid tiġi ttestjata b'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoliġiċi u/jew molekulari vvalidati. Il-preżenza ta' leżjonijiet sakkulite tal-arja fi frieħ tad-dundjani u fliex ta' jum tissuġġerixxi l-preżenza ta' infezzjoni ta' *Mycoplasma* u trid tiġi investigata.

- (b) Għandhom jittieħdu kampjuni għall-ittestjar tal-preżenza ta' infezzjoni ta' *Mycoplasma*, kif xieraq, minn demm, fliex ta' jum u frieħ ta' dundjani, sperma, jew kampjun meħud mit-trakea, mill-koana, mill-kloaka jew mill-ibwieq tal-arja u, b'mod partikolari, għas-sejbien ta' *Mycoplasma meleagridis* il-kampjuni jridu jittieħdu mill-ovidott u l-pene tad-dundjani.

- (c) Testijiet sabiex tinstab *Mycoplasma gallisepticum* jew *Mycoplasma meleagridis* iridu jsiru fuq kampjun rappreżentativ sabiex titħalla li ssir sorveljanza kontinwa tal-infezzjoni matul it-trobbija u matul il-perjodu ta' meta jbidu, jiġifieri eżattament qabel il-bidu ta' meta jbidu u kull tliet xħur minn hemm 'il-quddiem.

C. Riżultati u miżuri li jridu jittieħdu

Jekk ma jkun hemm l-ebda reatturi, it-test irid jitqies negattiv. Inkella, il-qatħha trid titqies bħala ssuspettata u l-miżuri stabbiliti fil-Kapitolu IV jridu jiġu applikati għaliha.

D. Fil-każ ta' azjendi li jkunu magħmulin minn żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati jew aktar, l-awtorità veterinarja kompetenti tista' tidderoga mill-miżuri stabbiliti fil-punt 3(b) tal-Kapitolu IV mehtiegħa għar-ritorn tal-approvażżjoni fir-rigward tal-unitajiet tal-produzzjoni b'saħħiethom fi stabbiliment fejn l-infezzjoni hija preżenti sakemm il-veterinarju awtorizzat ikun ikkonferma li l-istruttura u d-daqqs ta' dawk l-unitajiet ta' produzzjoni u l-ħidmiet imwettqa fihom ikunu tali li l-unitajiet ta' produzzjoni jipprovdu faċilitajiet separati għal kollox għal il-qidha, żamma u tmīgħi, sabiex il-marda kkonċernata ma tkun tista' tinfirex minn unità ta' produzzjoni għal oħra.

(i) *Salmonella* Pullorum tfisser *Salmonella enterica* sottospeċi *enterica* serovar Gallinarum varjant bijokimiku (bijovar) Pullorum

(ii) *Salmonella* Gallinarum tfisser *Salmonella enterica* sottospeċi *enterica* serovar Gallinarum varjant bijokimiku (bijovar) Gallinarum

(iii) *Salmonella arizona* tfisser *Salmonella enterica* sottospeċi *arizonae* serogrupp K (O18) arizonae

KAPITOLU IV

KRITERJI SABIEX APPROVAZZJONI TA' STABBILIMENT TIĠI SOSPIŻA JEW IRTIRATA

1. L-approvazzjoni mogħtija lil stabbiliment għandha tiġi sospiż:

(a) meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ma jkunux sodisfatti aktar;

(b) sakemm tkun saret investigazzjoni xierqa għall-marda,

jekk:

— ikun hemm suspect li faqqgħet l-influwenza tat-tjur jew il-marda ta' Newcastle fl-istabbiliment,

— l-istabbiliment ikun irċieva tjur jew bajd għat-tfaqqis minn stabbiliment bi tfaqqigħha suspectata jew ikkonfermata ta' influwenza tat-tjur jew marda ta' Newcastle,

— ikun sar kuntatt, li jista' jittrażmetti l-infezzjoni, bejn l-istabbiliment u s-sit ta' tfaqqiġħ tal-influwenza tat-tjur jew tal-marda ta' Newcastle;

(c) sakemm isiru t-testijiet il-ġodda, jekk ir-riżultati ta' sorveljanza mwettqa bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli II u III għall-infezzjoni permezz ta' *Salmonella Pullorum*, *Salmonella Gallinarum*, *Salmonella arizona*, *Mycoplasma gallisepticum* jew *Mycoplasma meleagridis* jaġħu bidu biex wieħed jissuspetta tfaqqiġħa;

(d) sakemm jintemmu l-miżuri xierqa meħtieġa mill-veterinarju uffiċjali, jekk jinstab li l-istabbiliment ma jkunx f'konformità mar-rekwiżiti tal-punt 1(a), (b) u (c) tal-Kapitolu I.

2. Approvazzjoni għandha tiġi rtirata jekk:

(a) jekk ikun ikkonfermat li faqqgħet l-influwenza tat-tjur jew il-marda ta' Newcastle fl-istabbiliment;

(b) jekk it-tieni test tat-tip xieraq jikkonferma tfaqqiġha ta' infezzjoni b'*Salmonella Pullorum*, *Salmonella Gallinarum*, *Salmonella arizona*, *Mycoplasma gallisepticum* jew *Mycoplasma meleagridis*;

(c) wara t-tieni avviż mogħti mill-veterinarju uffiċjali lill-persuna responsabbi mill-istabbiliment, ma tkunx ittieħdet azzjoni sabiex l-istabbiliment jinġieb f'konformità mar-rekwiżiti, tal-punt 1(a), (b) u (c) tal-Kapitolu I.

3. Kondizzjonijiet biex tingħata lura approvazzjoni jekk:

(a) approvazzjoni tkun ġiet irtirata minħabba tfaqqiġha tal-influwenza tat-tjur jew tal-marda ta' Newcastle, din tista' tingħata lura fi żmien 21 jum wara t-tindif u d-diżinfettazzjoni jekk ikun sar qtil sanitarju;

(b) tkun ġiet irtirata approvazzjoni minħabba tfaqqiġha kkawżaata minn:

— *Salmonella Pullorum* u *Salmonella Gallinarum*, jew *Salmonella arizona*, din tista' tingħata lura wara li jkunu ġew irregjistrati riżultati negattivi f'żewġ testijiet imwettqa b'intervall ta' mill-inqas 21 jum fuq l-istabbiliment wara l-qtıl sanitarju tal-qatgħa infettata u wara diżinfettazzjoni li l-effettivitā tiegħu tkun ġiet ivverifikata b'testijiet adatti fuq učuh niexfa,

— *Mycoplasma gallisepticum* jew *Mycoplasma meleagridis*, tista' tingħata lura jew wara li jkunu ġew irregjistrati riżultati negattivi f'żewġ testijiet li jkunu saru fuq il-qatgħa kollha b'intervall ta' tal-inqas 60 jum jew wara li jkunu ġew irregjistrati riżultati negattivi f'żewġ testijiet li jkunu saru b'intervall ta' tal-inqas 21 jum fl-istabbiliment wara diżinfettazzjoni wara qtıl sanitarju tal-qatgħa infettata kollha.”

2. L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Il-vacċċini użati għat-tilqim tat-tjur jew qatgħat li jipproduċu l-bajd għat-tfaqqis iridu jkollhom awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq maħruġa mill-awtoritā kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru.”

(b) Il-punt 3 li ġej jiżdied:

“3. B'relazzjoni għall-vaċċinazzjoni kontra kwalunkwe serotip tas-*Salmonella* l-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti:

(a) Programmi ta' vaċċinazzjoni tas-*Salmonella* ma jridux jinterfjerixxu mas-sejbien seroloġiku fil-kuntest ta' investigazzjoni fuq il-post, jew jirriżultaw f'testijiet b'pożittivi foloz;

- (b) ma jridux jintużaw vaċċini ħajjin tas-Salmonella fil-qafas tal-programmi tal-kontroll nazzjonali:
- (i) fi tjur prodttiv jew għat-trobbija matul l-istadju ta' riproduzzjoni jew ta' meta jbidu sakemm is-sigurta tal-użu tagħhom ikun ġie ppruvat u jkunu awtorizzati għal din il-fini skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (*)
 - (ii) meta l-manifattur ma jipprovdix metodu xieraq biex jiddistingwi batterjologikament varjanti tat-tip selvaġġ tas-Salmonella minn razez tal-vaċċin.

(*) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1."

3. L-Anness IV jinbidel b'dan li ġej:

“ANNESS IV

ĊERTIFIKATI VETERINARJI GĦALL-KUMMERĊ FI ĦDAN L-UNJONI
(Mudelli 1 sa 6)

MUDELL 1

L-UNJONI EWROPEA**Ċertifikat għall-kummerċ Intra-Unjoni**

Parti I: Detali tal-kunsinna ppreżentata	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi postali			I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. Awtorità kompetenti ċentrali I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinararju Isem Indirizz Kodiċi postali			I.6.			I.7.		
	I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi	
	Azjenda <input type="checkbox"/> Stabbiliment <input type="checkbox"/> Isem Indirizz Kodiċi postali			I.13. Post ta' destinazzjoni Azjenda <input type="checkbox"/> Stabbiliment <input type="checkbox"/> Entità approvata <input type="checkbox"/> Isem Indirizz Kodiċi postali					
	I.14. Post tat-tagħbija Kodiċi postali			I.15. Data u ħin ta' tluq					
	I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni			I.17. Trasportatur Isem Indirizz Kodiċi postali			Numru tal-approvazzjoni Stat Membru		
	I.18. Deskriżjoni tal-prodott bażiku				I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS) 04.07			I.20. Kwantità	
	I.21.							I.22. Għadd ta' pakketti	
	I.23. Nru tas-Siġill/Kontenituri							I.24.	
	I.25. Prodotti bażiċi ġċertifikati għal: Trobija <input type="checkbox"/> Entità approvata <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/>								
	I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz Pajjiż Terz Punt ta' ħruġ Punt ta' dħul				<input type="checkbox"/>		I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri Stat Membru Stat Membru Stat Membru		
	I.28. Esportazzjoni Pajjiż Terz Punt ta' ħruġ				<input type="checkbox"/>		I.29.		
	I.30.								
	I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi Speċi (Isem xjentifiku) Kategorija Identifikazzjoni Età Għadd ta' pakketti Kwantità								

L-UNJONI EWROPEA**Bajd għat-tfaqqis**

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.		
	II.1. Attestazzjoni tas-saħħha tal-annimali				
<p>Jiena, il-veterinarju uffiċċiali sottoskrift, niċċertifika li l-bajd għat-tfaqqis deskritt hawn fuq:</p> <p>(a) huwa konformi ma'</p> <p>(¹) jew [id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 8 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE]</p> <p>(¹) (²) jew [id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6(a)(i), (ii) u (b), u l-Artikoli 8 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE];</p> <p>(³) (b) huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE.</p> <p>(⁴) (c) huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni .../.../UE li tikkonċerha garanziji addizzjonali fir-rigward ta' (indika l-mard(a)) u skont l-Artikolu 16 jew l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE.</p> <p>(d) ġejjin minn tjur li:</p> <p>(¹) jew [ma kinu imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle;]</p> <p>(¹) jew [kienu mlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta': (l-isem u t-tip (ħaj jew inattiv) tar-rizza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użata fil-vaċċin(i)) Fi (data) fl-etià ta' ġimġħat].</p>					
<p>II.2. Attestazzjoni ta' saħħha pubblika</p> <p>Jiena, il-veterinarju uffiċċiali sottoskrift, niċċertifika li l-bajd għat-tfaqqis deskritt hawn fuq:</p> <p>(⁵) (a) ġej minn qatgħa li kienet ittestjata għal serotipi tas-Salmonella b'sinifikat għas-saħħha pubblika skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p> <p>Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf:</p> <p>Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa:</p> <p>(¹) (⁶) jew [pożittiv;]</p> <p>(¹) (⁶) jew [negattiv]</p> <p>(⁵) (b) u, la Salmonella Enteritidis u lanqas Salmonella Typhimurium ma nstabu fil-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2(a).</p>					
<p>II.3. Informazzjoni sanitaria addizzjonali</p> <p>(¹) II.3.1. Din il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE.</p> <p>(¹) II.3.2. Din il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE.</p> <p>(¹) (⁷) II.3.3. Din il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni .../.../UE fir-rigward tal-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur.</p>					
<p>Noti</p> <p>Parti I:</p> <p>Kaxxa I.16: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur).</p> <p>Kaxxa I.31: <i>Kategorija:</i> aghħel waħda milli ġejjin: linja pura/hanniet/ġenituri/għewwietaq tal-ftuħ/għas-simna/oħrajn.</p> <p><i>Identifikazzjoni:</i> indika d-dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħat tal-oriġini u l-isem tal-marka.</p> <p><i>Età:</i> aġħi d-data tal-ġbir.</p>					

L-UNJONI EWROPEA**Bajd għat-tfaqqis**

II. Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II:		
(1) Żomm kif xieraq.		
(2) Applikabbli biss jekk II.3.1. jew II.3.2. ikun sodisfatt.		
(3) Biex tiċċertifika f'każ li jkun intbagħha lejn Stat Membru, li għandu status ta' mingħajr tilqim approvat mill-UE għall-marda ta' Newcastle; bħalissa: il-Finlandja u l-Isvezja. Inkella ġassar ir-referenza.		
(4) Imla jekk xieraq.		
(5) Il-garanzija taħbi II.2. tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi Gallus gallus jew għad-dundjani.		
(6) Jekk xi wieħed mir-riżultati kienu pożittivi għal Salmonella Infantis, Salmonella Virchow jew Salmonella Hadar matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv.		
(7) Applikabbli biss għal Stati Membri li jlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur skont pjani ta' tilqim approvat mill-UE. — Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.		
Veterinarju uffijjalji jew spettur uffiċjali		
Isem (b'ittri kapitali):	Kwalifika u titlu:	
Unità veterinarja lokali:	Nru tal-LVU:	
Data:	Firma:	
Timbru:		

MUDELL 2

L-UNJONI EWROPEA

Ċertifikat għall-kummerċ Intra-Unjoni

Partit I: Detalji tal-kunsinna ppreżentata	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi postali		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. Awtorità kompetenti ċentrali I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali		I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati		Nru/i ta' dokumenti li jakkumpan-jawhom			
					I.7.			
	I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.12. Pajjiż ta' oriġini Azjenda <input type="checkbox"/> Stabbiliment <input type="checkbox"/> Isem Numru tal-approvazzjoni Kodiċi postali				I.13. Post ta' destinazzjoni Azjenda <input type="checkbox"/> Stabbiliment <input type="checkbox"/> Entità approvata <input type="checkbox"/> Isem Numru tal-approvazzjoni Kodiċi postali			
	I.14. Post tat-tagħbija Kodiċi postali				I.15. Data u ħin ta' tlueq			
	I.16. Mezz ta' trasport Ajrupalan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identification				I.17. Trasportatur Isem Numru tal-approvazzjoni Kodiċi postali Stat Membru			
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku				I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)			
							I.20. Kwantità	
	I.21.						I.22. Għadd ta' pakketti	
	I.23. Nru tas-Siġill/Kontenituru						I.24.	
	I.25. Prodotti bażiċi ċertifikati għal: Trobija <input type="checkbox"/> Entità approvata <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/>							
	I.26. Tranżitu minn ġo pajiż terz Pajjiż Terz Kodiċi ISO Punt ta' ħruġ Kodiċi Punt ta' dħul Nru tal-BIP		<input type="checkbox"/>	I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membru Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO		<input type="checkbox"/>		
	I.28. Esportazzjoni Pajjiż Terz Kodiċi ISO Punt ta' ħruġ Kodiċi		<input type="checkbox"/>	I.29.				
	I.30.							
	I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi Speċi (Isem xjentifiku) Kategorija Identifikazzjoni Età Għadd ta' pakketti Kwantità							

L-UNJONI EWROPEA**Fleiles ta' jum**

Part II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali		
	Jiena, il-veterinarju ufficjalji sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-fleiles ta' jum deskritti hawn fuq:		
	(a) huma konformi ma':		
(¹)	jew (i) [id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 9 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE]		
(¹) (²)	jew [id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6(a)(i), (ii) u (b), u l-Artikoli 9 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE];		
(¹) (³)	jew (ii) [jekk ġejjin minn bajd għat-tfaqqis importati skont ir-rekwiżiti tal-Mudell HEP tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 6(a) u l-Artikolu 9(b) u (c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE]		
(¹) (²) (³)	jew [ġejjin minn bajd għat-tfaqqis importati skont ir-rekwiżiti tal-Mudell HEP tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 6(a)(i), (ii) u l-Artikolu 9 (b) u (c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE]		
(⁴)	(b) huma konformi mal-Artikolu 15(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE.		
(⁵)	(c) huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni .../.../UE li tikkonċerha garanziji addizzjonal fir-rigward ta'(indika l-mard(a)) u skont l-Artikolu 16 jew l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE.		
(¹)	(d) jew [ma kinux imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle;]		
(¹)	jew [kienu mlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta': (l-isem u t-tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użata fil-vaċċin(i)) fi (data)].		
(e)	ġejjin minn tjur li:		
(¹)	jew [ma kinux imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle;]		
(¹)	jew [kienu mlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta': (l-isem u t-tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użata fil-vaċċin(i)) fi (data)].		
(⁶)	(f) biex jiddaħlu f'qatgħat ta' tjur għat-trobbja jew f'qatgħat ta' tjur produktivi jiġu minn qatgħat li kienu t-testjati b'rɪzultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE.		
II.2.	Attestazzjoni ta' saħħa pubblika		
	Jiena il-veterinarju ufficjalji sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-fleiles ta' jum deskritti hawn fuq:		
(⁷)	(a) ġejjin minn qatgħa li kienet ittestjata għal serotipi tas-Salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.		
	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf:		
	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa:		
(¹) (⁸)	jew [pożittiv;]		
(¹) (⁸)	jew [negattiv]		
(⁷)	(b) u, jekk maħsubin għat-trobbja, la Salmonella Enteritidis u lanqas Salmonella Typhimurium ma nstabu fil-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2(a).		

L-UNJONI EWROPEA**Fleiles ta' jum**

II. Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
II.3. Informazzjoni sanitaria addizzjonali		
(1) (8) (1) (1) II.3.1. Il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni .../.../UE fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni li jikkonċernaw influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ta' sottotip li mhux I-H5N1.		
(1) II.3.2. Din il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE.		
(1) (9) II.3.3. Din il-kunsinna hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' saħħha tal-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni .../.../UE fir-rigward tal-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur.		
Noti		
Parti I:		
Kaxxa I.6: Nru/i ta' ċertifikati ta' akkumpanjament tas-saħħha tal-annimali.		
Kaxxa I.16: Numru ta' reġistrattjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur).		
Kaxxa I.19: Uża l-kodiċijiet HS xierqa: 01.05, 01.06.39.		
Kaxxa I.31: <i>Kategorija:</i> aghħel waħda milli ġejjin: linja pura/nannet/ġenituri/għewwietaq tal-ftuħ/għas-simna/oħrajn.		
<i>Etā:</i> aghħi d-data tat-tfaqqis.		
<i>Identifikazzjoni:</i> indika d-dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħat tal-oriġini u l-isem tal-marka.		
<i>L-għadd ta' pakket:</i> aghħi l-għadd ta' kontenituri jew gażeġ.		
Parti II:		
(1) Żomm kif xieraq.		
(2) Applikabbi biss jekk II.3.1 jew II.3.2. ikunu sodisfatti.		
(3) F'dawn il-każijiet fejn fleyles ta' jum jiġu minn bajd importat minn pajiż terz, il-perjodu ta' iżolament fl-azjenda tad-destinazzjoni għandu jiġi rispettati kif previst fil-Parti II tal-Anness VIII mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008. L-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni finali tal-fleyles ta' jum għandha tkun mgħarrfa permezz tas-sistema TRACES b'dan ir-rekwiżit.		
(4) Biex tiċċertifika f'każ li jkun intbagħat lejn Stat Membru, li għandu status ta' mingħajr tilqim approvat mill-UE għall-marda ta' Newcastle; bħalissa: il-Finlandja u l-Isvezja. Inkella ħassar ir-referenza.		
(5) Imla jekk xieraq.		
(6) Biex tiċċertifika għall-kunsinni lejn il-Finlandja u l-Isvezja. Inkella ħassar ir-referenza.		
(7) Din il-garanzija taħbi II.2. tapplika biss għat-tjur li jappartneju għall-ispeċi Gallus gallus jew għad-dundjani.		
(8) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi ta' hawn taħbi matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv.		
Qatgħat ta' tjur għat-trobija ta' Gallus gallus: <i>Salmonella Hadar, Salmonella Virchow u Salmonella Infantis.</i>		
Qatgħat ta' tjur produttiv: <i>Salmonella Enteritidis u Salmonella Typhimurium.</i>		
(9) Applikabbi biss għal Stati Membri li jlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' tilqim approvat mill-UE.		
— Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra taċ-ċertifikat.		
